B 2191

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,961, 18 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 285 tal-2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 72 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Ministru responsabbli għall-gvern lokali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 363.41.

Jissostitwixxi l-artikolu 1 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 1 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan l-artikolu ġdid li ġej:

"1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali.".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-ordni prinċipali.

3. Fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-ordni prinċipali, minnufih wara l-kliem "Regolamenti dwar il-Kontroll tat-Tipjip f'Vetturi Privati" għandu jiżdied dan li ġej:

"Regolamenti dwar il-Mikromobilità	L.S. 65.32.	Regolamenti 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 20, 21, 22, 23, 28.".

Emenda ġenerali fl-ordni prinċipali.

4. Fl-ordni prinċipali, il-kliem "Kumitati Reġjonali", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Kunsilli Reġjonali".